# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 353/2015/2 LM**

**Sandro Falzon**

**v.**

**Ebenezer Attard**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-1 ta' Marzu, 2016 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni tal-attur hi preskritta skont l-Artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Il-każ jitratta dwar tpartit ta' vetturi tat-tip Honda S2000 (kienet tal-attur) u BMW 120D M Sport Hatchback (kienet tal-konvenut). Il-prezz għal kull vettura kien ta' €17,400. L-attur imbagħad biegħ il-vettura BMW

lil ċertu Karl Buhagiar, għall-prezz ta' €17,400. Fil-31 ta' Ottubru 2011 Karl Buhagiar ippreżenta kawża kontra l-attur (**<u>Karl Buhagiar v. Sandro Falzon</u>**, Rikors 945/2011) fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-vettura BMW kellha difetti latenti u għalhekk li jinħall il-bejgħ. B'sentenza tal-15 ta' Jannar 2016 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla laqgħet it-talbiet ta' Karl Buhagiar u kkundannat lil Sandro Falzon sabiex iħallas lura lil Buhagiar il-prezz ta' €17,400 flimkien ma' danni fis-somma ta' €797.54. Imbagħad fis-17 ta' April, 2015 l-attur Falzon ippreżenta l-kawża in eżami fejn ippremetta u talab:

> *"1. Illi fl-2011 sar kuntratt ta' permuta bejn Sandro Falzon u Ebenezer Attard fejn tal-ewwel ikkonsenja lit-tieni vettura tal-għamla Honda S2000 filwaqt li l-intimat in kontrakkambju kkonsenja lir-rikorrent vettura tal-għamla BMW M Sports Hatchback. Il-prezz tas-suq taż- żewġ vetturi kien dak ta' €17,400;*
>
> *2.Illi madwar xahrejn wara dan l-imsemmi trasferiment, ir-rikorrent biegħ lil ċertu Karl Buhagiar l-imsemmija BMW li kien akkwista mingħand Ebenezer Attard għall-prezz ta' €17,400;*
>
> *3.Illi ftit żmien wara rriżultaw xi ħsarat fl-istess vettura u Karl Buhagiar istitwixxa proċeduri legali fil-konfront tar-rikorrenti għar-rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni minħabba allegati difetti latenti;*
>
> *4.Illi fil-fatt irriżulta li l-vettura BMW M Sports Hatchback kellha mileage differenti minn dak indikat u li kien mileage li Ebenezer Attard kien indika lir-rikorrenti fuq skorta ta' service report maħruġ minn Muscat Motors u li kellha diversi parts li ma kinux dawk oriġinali tal-istess vettura;*
>
> *5.Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Karl Buhagiar vs. Sandro Falzon tal-15 ta' Jannar, 2015 (Rik. Ġur. Nru. 945/2011 JPG) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lir-rikorrent iħallas lil Karl Buhagiar is-somma ta' €18,197.54 oltre l-ispejjeż tal-istess kawża kif ukoll ordnat ir- rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni;*
>
> *6. Illi effettivament ġie dikjarat li l-vettura BMW M Sport Hatchback kienet bla valur u għalhekk effettivament l-intimat irriżulta li ma kien ħallas l-ebda prezz jew konsiderazzjoni għall-akkwist da parti tiegħu tal-vettura Honda S2000;*

*7. Illi r-rikorrent interpella lill-intimat sabiex iħallsu s-somma ta' sbatax-il elf u erbgħa mitt Euro (€17,400) bħala prezz tal-vettura Honda S2000 li kienet ġiet trasferita lilu fl-2011 flimkien mal-imgħax mid- data tal-istess trasferiment kif ukoll is-somma ta' sebgħa mija u sebgħa u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€797.54) kif ukoll l-ispejjeż li ġie kkundannat iħallas lir-rikorrenti bis-saħħa tas- sentenza hawn qabel ċitata, u dan permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2015;*
*......*

*Għaldaqstant in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Ebenezer Attard fil-fatt qatt ma ħallas prezz għal-Honda S2000 lilu trasferita fl-2011 mir-rikorrent;*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Ebenezer Attard huwa debitur ta' Sandro Falzon fis-somma ta' €17400 bħala prezz tal-vettura Honda S2000 ittrasferita lilu fl-2011;*

*3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Ebenezer Attard għandu jħallas lil Sandro Falzon s-somma ta' €797.54 kif ukoll l-ispejjeż li Sandro Falzon ġie kkundannat iħallas bis-saħħa ta' sentenza fl-ismijiet Karl Buhagiar vs Sandro Falzon (Rik. Gur. Nru. 945/2011JPG) deċiża nhar il-15 ta' Jannar 2015;*

*4. Tillikwida s-somma pagabbli mill-intimat ai termini tat-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti;*

5. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata".*

3. L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni hi preskritta skont l-Artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili, wara li rraġunat:

*"Illi l-Kodiċi Ċivili, fil-parti fejn jittratta l-istitut tat-tpartit, wara li jelenka għadd ta' regoli li għandhom jirregolawh, itemm jgħid li "Ir-regoli l-oħra kollha dwar il-kuntratt ta' bejgħ, jgħoddu wkoll għall-kuntratt ta' tpartit" (l-Artikolu 1493). F'għadd ta' sentenzi ingħad li t-terminu dekadenzjali għall-azzjoni għall- garanzija minħabba evizzjoni li jinstab fl-istitut tal-bejgħ (l-Artikolu 1423) jestendi għall-kuntratt tat-tpartit. Din il-Qorti ma tarax li hemm raġuni l-għala m'għandux ikun hemm l-istess applikazzjoni tan-normi tal-bejgħ għall-istitut tat-tpartit fil-każ ta' difett moħbi (l-Artikolu 1431).*

*Illi l-ġurisprudenza Maltija tikkunsidra li f'każ ta' evizzjoni jew difett moħbi, l- uniċi azzjonijiet li jistgħu isiru mix-xerrej huma dawk*

*ikkontemplati fl-istess istitut tal-bejgħ, u ma jistgħux isiru azzjonijiet oħrajn. Fi kliem l-imħallef Philip Sciberras, sedenti f'din il-Qorti:*

*...........*

*Illi jekk hemm limitazzjoni dwar ix-xorta ta' azzjoni li xerrej jista' jiftaħ, hekk ukoll min ipartat għandu jkollu l-istess limitazzjoni. Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli avukat difensur tal-attur sostna li din il-kawża mhix waħda dwar difett moħbi, imma azzjoni għar-rifużjoni tal-prezz billi l-ħaġa li huwa rċeva bi tpartit kienet mingħajr valur. Jekk inhu hekk il-każ, allura l-azzjoni tiegħu mhix proponibbli.*

*Illi l-abbli avukat difensur tal-konvenut li qiegħed isostni li isejjħilha x'isejjħilha l-kawża li qiegħed jagħmel, l-attur qiegħed fil-fatt jagħmel kawża dwar difett moħbi, u li l-Qorti trid tqis il-kawża bħala dak li tabilħaqq hi.*

*M'hemmx dubju illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri.*

*..........*
*Illi l-azzjoni tal-attur għandha l-ingredjenti kollha ta' azzjoni redibitorja. Ir-raġuni ġuridika li jġib l-attur huwa proprju d-difett moħbi; u abbażi tiegħu qiegħed jitlob il-ħlas tal-prezz li qiegħed jallega li effettivament ma sarx, l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mat-tpartit, kif ukoll id-danni konsistenti fl- ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża li fetaħlu Karl Buhagiar. Dan kollu jinkwadra ruħu tajjeb fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1427 u 1430(1) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Illi ġaladarba l-Qorti, fis-sentenza Karl Buhagiar vs. Sandro Falzon suċċita, stqarret li fil-konfront ta' Sandro Falzon "għandha l-konvinċiment morali li kien jaf bid-difetti okkulti" tant li kundannatu wkoll għad-danni a tenur tal-Artikolu 1429(1) tal-Kap. 16, ċjoè danni li l-bejjiegħ ikun responsabbli għalihom biss jekk ikun jaf bid-difett moħbi, l-attur ma jistax jistrieħ fuq din is-sentenza biex jasserixxi li d-difett moħbi ġie mikxuf permezz tal-pronunzjament tagħha u li allura l-perijodu dekadenzjali ta' sitt xhur beda jimxi mid-data ta' meta ġiet ippronunzjata l-imsemmija sentenza, iġifieri l-15 ta' Jannar, 2015. Dan għas- sempliċi raġuni li skont l-istess sentenza li qiegħed jistrieħ fuqha l-attur, huwa kien diġà jaf bid-difett moħbi meta huwa biegħ il-vettura fis-27 ta' Mejju, 2011 lil Buhagiar".*

4. Fis-16 ta' Marzu 2016 l-attur ippreżenta rikors tal-appell fejn ikkontesta li l-kawża li ppropona hi dik għall-garanzija għad-difetti li ma jidhrux (Art. 1424 tal-Kodiċi Ċivili). Isostni li:-

> *"L-attur bl-ebda mod ma qiegħed jittanta l-actio redhibitoria jew l-actio aestimatoria għaliex dan ir-rimedju ma kienx disponibblih għalih. Skont ir-raġunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti l-attur imissu pproċeda kontra l-konvenut bl-actio redhibitoria jew l-actio aestimatoria qabel biss sar jaf bil-possibilta' ta' difett latenti fil-vettura in kwistjoni. L-attur ma kienx jaf li l-vettura kellha difetti latenti, tant hu hekk li huwa kien ikkontesta l-kawża li saret kontrih mit-terz, liema kawża ġiet fit-tmiema b'sentenza tal-15 ta' Jannar 2015.*
>
> *Inoltre ta' min jirrileva li t-terminu indikat fl-artikoli 1431(1) u 1431(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex terminu ta' preskrizzjoni kif targumenta l-ewwel Qorti iżda huwa terminu perentorju li ma jistax jiġi interrott b'att ġudizzjarju u għalhekk ir-rikorrent f'tali azzjoni irid jippreżenta l-azzjoni ġudizzjarja fit-terminu indikat.*
>
> *Minkejja dan l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-applikazzjoni tal-liġi in kwantu fl-ewwel lok tgħid korrettament li n-natura tal-azzjoni trid tiġi misluta mit-termini tal-att promotur iżda mbagħad tgħaddi biex tagħti interpretazzjoni diversa minn dak li jirriżulta mill-att promotur. Fl-ebda ħin fl-att promotur, ir-rikorrenti ma jallega li huwa kien qed jimputa xi difett latenti u jakkolahom lill-intimat. Dak li qed jallega huwa li indipendentement mill-għemil jew konoxxenza tal-intimat dak mogħti lilu bħala prezz għal vettura li huwa kien biegħlu ġie dikjarat minn qorti li ma kellu l-ebda valur u għalhekk ġie li l-intimat bħala prezz ittrassferixxa xi ħaġa mingħajr valur u għalhekk ma ħallasx il-prezz.*

5. Min-naħa tiegħu l-konvenut fis-16 ta' Mejju 2016 ippreżenta tweġiba u ta' r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud, prinċipalment għaliex:

> *".... kif sottomess quddiem l-ewwel Qorti, isejħilha kif isejħilha l-kawża li l-appellant ippropona, huwa effettivament qiegħed jagħmel dina l-kawża minħabba difett moħbi li rriżulta fil-karozza li huwa xtara. Huwa unikament abbażi ta' dan il-fatt li l-appellant ippropona l-kawża. L-Ewwel Qorti fil-fatt waslet għal dik il-konklużjoni u qieset il-kawża bħala waħda dwar difett moħbi u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni għax kien għadda t-terminu ta' dekadenza".*

Konsiderazzjoni.

6. L-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li taqra:

> *"1. Illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431(1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

7. L-attur isostni li l-eċċezzjoni kellha tkun miċħuda għaliex l-azzjoni li ppropona mhijiex l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja.

8. L-Art. 1427 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-azzjoni redibitorja tikkonsisti billi x-xerrej *"jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz"*, mentri bl-azzjoni stimatorja x-xerrej, *"jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti"*.

9. L-ewwel Qorti stess qalet li, *"..... n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri"*.

10. Hu evidenti li l-kawża li ppreżenta l-attur mhijiex sabiex jieħu lura parti mill-prezz jew sabiex il-konvenut jagħti lura l-vettura Honda S2000 lill-attur filwaqt li l-attur jagħti lura lill-konvenut il-vettura BMW. B'din l-azzjoni l-attur talab sempliċement li jitħallas il-valur tal-vettura Honda S2000 għaliex isostni li l-vettura li ħa bi tpartit mingħand il-konvenut, ma kellhiex valur. Pero' mhuwiex ifittex biex iħoll bejgħ jew inaqqas il-prezz.

11. L-azzjoni li ppropona l-attur hi bażata fuq dak li ġie deċiż fil-kawża **<u>Karl Buhagiar v Sandro Falzon</u>** (Rikors 945/2011), fejn il-Qorti kkonkludiet li l-vettura BMW M Sport Hatchback li l-attur Falzon biegħ lil

Buhagiar kellha difetti latenti u ma kellhiex valur. Hu a bażi ta' dak li ġie deċiż f'dik il-kawża li l-attur fil-kawża tal-lum qiegħed isostni li l-konvenut qatt ma ħallas il-prezz tal-vettura Honda S2000. Kawża li fiha l-konvenut Attard ma kienx parti fiha.

12. L-ewwel Qorti qalet li l-azzjoni li ppreżenta l-attur għandha l-ingredjenti kollha ta' azzjoni redibitorja, wara li qieset li r-raġuni ġuridika li ġab 'il quddiem hu d-difett moħbi, u a bażi ta' dak *".... qiegħed jitlob il-ħlas tal-prezz li qiegħed jallega li effettivament ma sarx, l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mat-tpartit, kif ukoll id-danni konsistenti fl-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża li fetaħlu Karl Buhagiar. Dan kollu jinkwadra tajjeb fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1427 u 1430(1) tal-Kodiċi Ċivili"*.

13. Bażat fuq it-talbiet li saru fir-rikors ġuramentat, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti. L-attur ma talabx li jinħall it-tpartit u li l-partijiet jitpoġġew fis-sitwazzjoni li kien qabel seħħ il-ftehim ta' tpartit. Hu minnu li l-attur qiegħed jippretendi li l-konvenut għandu jħallsu l-prezz tal-vettura Honda S2000 trasferita fl-2011 minħabba li jsostni li l-vettura BMW trasferita lilu ma f'hijiex valur wara s-sentenza li ngħatat fil-kawża **<u>Karl Buhagiar v. Sandro Falzon</u>** tal-15 ta' Jannar 2015. Sentenza li biha l-Qorti Ċivili, Prim'Awla ikkonkludiet li l-vettura BMW kellha difetti moħbija meta Falzon (l-attur tal-lum) biegħha lil Karl Buhagiar (mhux parti fil-kawża tal-lum), u li d-difetti kienu tant gravi li l-vettura ma kellhiex valur.

Madankollu, b'daqshekk ma jfissirx li l-azzjoni tal-lum hi dik redibitorja ġialadarba l-attur mhuwiex jitlob li jinħall il-ftehim li bih ġew trasferiti l-vetturi.

14. Ovvjament mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tikkunsidra jekk hemmx konsegwenza għall-fatt li l-kawża li ppropona l-attur mhijiex l-azzjoni redibitorja, ġialadarba din is-sentenza titratta biss dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-1 ta' Marzu 2016 u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
da